# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

## IMHALLEF

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum l-Erbgha 9 ta' Gunju, 2021**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 901/20JVC**

**Michael John O'Callaghan maghruf bhala Michael John Cogzell (detentur tal-karta tal-identita` 67404L)**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Michael John O'Callaghan maghruf bhala Michael John Cogzell espona kif isegwi:

1. ‘Illi r-rikorrenti twieled gewwa Bristol, l-Ingilterra, nhar is-sbatax (17) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u sebghin (1970);

2. Illi isem u kunjom ir-rikorrent fit-twelid u sad-dsatax (19) t’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990) kien Michael John O’ Callaghan; (ara certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dok. A);

3. Illi nhar id-dsatax (19) t’Ottubru tas-sena elf disa’ mija u disghin (1990) permezz ta’ *Change of Name Deed* pubblikat fl-Ingilterra, ir-rikorrenti biddel kunjomu O’Callaghan ghal Cogzell (kopja ta’ *Change of Name Deed* hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B). Illi dan kollu huwa guramentat permezz ta’ ‘*Statutory Declaration of Michael John Cogzell’* annessa u mmarkata Dok. C;

4. Illi b’konsegwenza tas-suespost il-passaport Ingliz tar-rikorrenti bin-numru 532103876 (kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dok. D);

5. Illi nhar is-sbatax (17) ta’ Dicembru tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin (1994) ir-rikorrenti izewweg mara Maltija u cioe` lil Shirley Calleja fir-Registru taz-Zwieg fil-Belt Valletta (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. E;

6. Illi llum il-gurnata r-rikorrent ghandu karta tal-identita’ Maltija bin-numru 67404L (kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata bhala Dok. F);

7. Illi madanakollu fl-imsemmija karta tal-identita' Maltija kunjom ir-rikorrenti ma jirriflettix il-bidla li sehhet gewwa l-Ingilterra permezz ta' *Change of Name Deed* pero minflok turi kunjom ir-rikorrenti bhala 'O'Callaghan';

8. Illi ghalkemm kunjom ir-rikorrenti fid-dokumenti ufficjali kollha tieghu mahruga mill-Ingilterra huwa indikat bhala 'Cogzell', fil-karta tal-identita' Maltija huwa ghandu indikat bhala 'O'Callaghan';

9. Illi r-rikorrenti ghalhekk jinsab f'sitwazzjoni anomala fejn il-kunjom kif indikat fid-dokumenti ufficjali Maltin, u cioe' 'O'Callaghan' huwa differenti minn dak gewwa l-Ingilterra, u cioe` 'Cogzell';

10. Illi din il-kwistjoni qed tohloq problemi konsiderevoli lir-rikorrenti u ghaldaqstant huwa qed jipprezenta dina l-kawza sabiex ir-registrazzjonijiet relattivi fir-Registru Pubbliku f'Malta jkunu jirriflettu ismu u kunjomu proprja kif registrat gewwa l-Ingilterra, u cioe` Michael John Cogzell.

11. Illi r-rikorrenti taf b'dawn il-fatti kollha personalment.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex *previa* kull ordni u/jew dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddikjara illi r-rikorrenti ghandu jkun maghruf bil-kunjom 'Cogzell' liema kunjom addotta permezz ta' *Change of Name Deed* li saret nhar-il 19 t'Ottubru tas-sena, 1990, gewwa l-Ingilterra;

2. Tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-atturi;
3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fil-karta tal-identita' Maltija tar-rikorrent isem ir-rikorrent jigi indikat bhala 'Michael John Cogzell'.

Bl-ispejjez tal-prezenti kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt in subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi in vena preliminari, huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrent jitlob ai termini tal-Artikolu 175 ta' Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens illi l-attur għandu jidher bhala 'Michael John O'Callaghan' u mhux bħala 'Michael John Cogzell', u dan stante li l-kunjom huwa dak li jappartjeni lilu skont l-Att tat-Twelid tiegħu li jġib in-numru 674/2004. Magħdud mal-premess, ikun idoneju jekk ir-rikorrenti jindika liem dokument uffiċjali u, konsegwentament, in-numru progressiv ta' tali dokument, cioé jekk in-numru tal-passaport jew in-numru tal-karta tal-identità Maltija, ħa jintuża' għall-fini tal-okkju tal-kawża;

2. Illi bla preġudizzju għal premess, l-esponent jissottometti illi r-rikorrent ma ddikjarax taħt liema artikolu qed issejjes l-proċeduri istanti. Għaldaqstant, l-esponent huwa tal-umli fehma li jkun ta' benefiċċju jekk dan jiġi ddikjarat salv' pero' illi l-esponent jirriserva d-dritt tiegħu li jissoleva eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun hemm il-bżonn;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jistqarr li ma huwiex edott mill-fatti li ġew indikati fir-rikors ġuramentat;

4. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent jeċċepixxi ukoll illi għalkemm l-posizzjoni tal-ligi tagħna hija kuntrarja għal tibdiliet fil-kunjom tal-familja, għajr fil-limiti espressament konsentiti bil-Liġi, huwa minnu wkoll li reċentement il-qrati tagħna kienu anqas riġidi fil-konsiderazzjonijiet tagħhom ta' talbiet għal bidliet bħal dawn;

5. Illi fir-rigward tad-*deed polls* jew *change of name deeds*, għalkemm dawn ma humiex regolati mil-liġi nostrana, għandu jiġi sottolinjeat illi l-Qrati tagħna ddeċiedew illi sabiex *deed poll/change of name deed* jkun jista' jiġi rikonoxxut f'pajjiż esteru, għandha: (i) ssir il-prova mir-rikorrent li d-*deed poll/change of name deed* ikun verament sar, (ii) prova tal-effetti tiegħu skont il-liġi tal-pajjiż konċernat, u (iii) prova li saret xi forma ta' reġistrazzjoni;[1]

6. Illi fil-każ odjern, saret talba għar-reġistrazzjoni ta' Att tat-Twelid esteru tal-attur u flimkien ma' din it-talba, l-attur forna lid-Direttur konvenut bl-Att tat-Twelid esteru tiegħu, liema Att jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 1'. F'tali każ, l-esponent jissottolineja illi reġistrazzjoni ta' Att ta' Stat Ċivili ssir ai termini tal-Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn id-Direttur konvenut jislet dik l-informazzjoni mill-Att tal-iStat Ċivili esteru u jirreġistra l-istess *ad verbatim* fuq dak Malti.

[1] *Vide* s-sentenzi fl-ismijiet **Anthony Mallia et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Jannar 2011, **Damian Jean Carlo Vincent Borg sive Damian Pandolfino vs Direttur Registru Pubbliku**, deċiża mil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Lulju 2015, **Jonathan Philip White (ID212496M) u Patrick Leonard White (ID214296M) vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' April 2019.

Għaldaqstant fil-każ tal-attur, l-esponent ma setgħax jieħu in konsiderazzjoni taċ-*change of name deed* u/jew tad-dokumenti kollha li kellu a disposizzjoni tiegħu, ġialdarba l-esponent kellu obbligu li jsegwi l-proċedura kif kontemplata f'Artikolu 244 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk huwa pprovda lill-attur bl-Att tat-Twelid Malti, liema Att tat-Twelid jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 2';

7. Illi fl-Att taż-Żwieġ bin-numru progressiv 2349/1994, liema Att taż-Żwieġ jinsab hawn anness u mmarkat bħala 'Dok. DRP 3' u liem żwieġ seħħ f'Malta nhar is-sbatax (17) ta' Diċembru tas-sena elf, disa' mija u erbgħa u disgħin (1994), ir-rikorrent huwa indikat bħala 'Michael John Cogzell'. Din id-diskrepanza bejn iż-żewġ Atti tal-iStat Ċivili diġa' msemmija hawn fuq seħħet għaliex id-dettalji, cioé l-isem u l-kunjom, imniżżlin fl-Att taż-Żwieġ huma dawk li jkunu ġew indikati mid-dokumenti uffiċjali preżentati dakinhar li ssir l-applikazzjoni taż-żwieġ;

8. Illi stante s-suespost, l-esponent umilment jirrileva li għaldaqstant ma jirriżultax li kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni mill-esponent stess;

9. Illi l-esponent jinnota illi l-attur, *inter alia*, eżebixxa mar-rikors promotur kopja taċ-*change of name deed* in kwistjoni u dan bl-intiża li jsostni t-talba kif dedotta minnu stess. Fid-dawl ta' dan, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

10. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, ir-rikorrent qiegħed jitlob ukoll sabiex isiru l-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-atti kollha tal-ħajja ċivili tal-attur kif ukoll fil-karta tal-identità

Maltija tar-rikorrent. Illi ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili korrezzjoni tista' ssir biss f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi kollha u mhux f'dokumenti uffiċċjali. Illi mingħajr preġudizzjoni għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil tal-kunjom tar-rikorrenti fl-Atti tal-iStat Ċivili tagħha, l-esponent umilment jirrimarka illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrent għandu jispeċifika liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

11.Illi finalment u dan mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tal-attur mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

12.Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'.

Rat ic-certifikati, kopja tal-karta ta' l-identita' Maltija u dik Ingliza, kopja tal-passaport Ingliz, kopja tac-'*change of name deed*' u tad-dikjarazzjoni tan-Nutar Dr James Grech, id-dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat li saret id-debita publikazzjoni skont il-Ligi li tinsab esebita a fol. 17 A tal-process;

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Jannar, 2021 b'referenza ghall-ewwel eccezzjoni Dr Shaun Zammit talab korrezzjoni fl-okkju tar-rikors guramentat u dan fis-sens li isem ir-rikorrenti jigi ndikat bhala Michael John O'Callaghan maghruf bhala Michael John Cogzell

bil-karta tal-identita' numru 67404L u rat id-digriet tal-Qorti moghti seduta stante fejn laqghet t-talba u ordnat il-korrezzjoni;

Ivverifikat mic-*change of name deed* li effettivament lura fis-sena 1990 kien sar it-tibdil indikat billi l-kunjom O'Callaghan gie mibdul b'dak ta' Cogzell u rat ukoll id-dikjarazzjoni tan-Nutar Dr James Grech;

Rat ukoll li d-dokumentazzjoni tar-rikorrenti mahruga mir-Renju Unit lkoll turi kunjom ir-rikorrenti bhala Cogzell.

Fic-cirkostanzi l-Qorti tqis it-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati u se tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku sakemm dawn huma inkompatibbli ma' dak hawn fuq deciz.

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li r-rikorrenti ghandu jkun maghruf bil-kunjom 'Cogzell', liema kunjom gie addottat permezz ta' *Change of Name Deed* li saret nhar id-19 ta' Ottubru tas-sena, 1990, gewwa l-Ingilterra.

3. Tilqa' t-tieni talba u tordna illi dan it-tibdil jigi rifless fl-atti kollha tal-hajja civili tal-attur inkluz ic-certifikat tat-twelid tieghu bin-numru 674 tas-sena 2004.

4. Dwar it-tielet talba, tichad l-istess stante illi d-dokument tal-karta tal-identita' m'huwiex fil-poter tad-Direttur tar-Registru Pubbliku ghalkemm permezz ta' din is-sentenza ir-rikorrent ghandu jkun liberu li japplika sabiex il-karta tal-identita' tieghu tigi korretta.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

Stante li c-cirkostanzi f'din il-kawza, ma jidhirx li huma tort tad-Direttur intimat, l-ispejjez jibqghu a kariku tar-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Gunju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Gunju, 2021**